MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2011

Citazzjoni Numru. 203/2010

Kawza fil-lista: 30

**A B f' isimha proprju,**
**kif ukoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri C D**
**vs**
**E D,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet mhumiex mizzewwegin; li fil-15 ta' Novembru 2006 twieldet mill-attrici l-minuri C Dalli; li permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-14 ta' Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafa', il-konvenut E D irrikonoxxa bhala bintu lit-tifla C; li f' dak iz-zmien ir-rikorrenti kienet genwinament temment li t-tifla kienet il-

wild naturali ta’ dan il-konvenut; li “llum il-gurnata, anke wara kalkolazzjoni tal-granet relattivi fiz-zmien tal-koncepiment u fatturi ohra li gew a konjizzjoni ta’ l-attrici wara l-istess rikonoxximent, jirrizulta li fil-fatt, l-intimat mhuwiex il-missier natural ital-minuri C”; li ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li l-minuri C D mhjiex il-wild naturali tal-konvenut E D; u [2] tordna li ssir d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid ta’ l-istess minuri, u li minflok il-konnotati ta’ dan il-konvenut jitnizzel il-kliem ‘missier mhux maghruf’ flimkien ma’ kull modifika ohra li tkun mehtiega f’ kull att iehor relattivi u sussegwenti; u [3] tordna wkoll it-tibdil tal-kunjom tal-minuri ghal ‘B’ biex jirrispekkja l-kunjom ta’ l-omm naturali; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku, filwaqt li rrileva li hu ma kienx edott mill-fatti dwar il-paternita’, irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti; izda oppona li jigi ordnat ihallas spejjez;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut E D li biha ddikjara li “ma joggezzjonax ghat-talbiet attrici stante li mic-cirkostanzi kollha kif sussegwentement irrizultawlu llum il-gurnata huwa oltre milli konvint li huwa mhuwiex il-missier naturali ta’ l-imsemmija C Dalli”; izda jsostni li “m’ ghandux jirrikorri spejjez u li dawn ghandhom jigu sopportati mill-attrici fit-totalita’ taghhom.”

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, kif ukoll ir-rapport tad-DNA [Fols.38 et seq.]

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C Dalli li twieldet mill-attrici fil-15 ta’ Novembru 2006 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E D; u qed titlob ukoll id-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta’ l-istess tarbija.

**Il-Fatti**

Illi l-attrici tispjega li fiz-zmien li hija nqabdet tqila bit-tifla C hija kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut E D, u anke

ma persuni ohrajn; izda meta twieldet it-tifla bdew jaraw li din kienet tixbah lill-istess konvenut, u ghalhekk, anke peress li huma kienu dahhlu f’ relazzjoni stabbli u kienu kuntenti flimkien, il-konvenut irrikonoxxa lit-tifla bhala bintu.

L-attrici tghid li, fiz-zmien tar-rikonoxximent tat-tarbija t-tnejn kienu genwinament konvinti li l-konvenut D kien il-missier naturali; izda eventwalment il-partijiet itterminaw ir-relazzjoni ta’ bejniethom, bil-konsegwenza li l-konvenut D ried jaccerta ruhu xjentifikament mill-paternita’ tat-tifla.

Rizultat ta’ dan, saru t-testijiet xjentifici tad-DNA, li pero’ kkonfermaw li t-tifla C ma kienitx il-wild naturali tal-konvenut E D.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla C D li twieledet mill-attrici fil-15 ta’ Novembru 2006 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E D; konsegwentement tordna li ssir id-debita korrezzjoni fit-termini tat-tieni talba; tilqa’ t-tielet talba u tordna li l-kunjom tat-tifla jigi sostitwit bil-kunjom ‘B’.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta’ l-attrici f’ isimha proprju.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------